MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 65/2008

**Paul Washimba**

***Versus***

**Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati; u b'dikriet tat-8 ta' Lulju 2008 issejħu fil-kawża l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju għar-Rifuġjati**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi l-qorti tħassar deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati għax qiegħed igħid illi dik id-deċiżjoni hija mibnija fuq interpretazzjoni ħażina tal-Att dwar ir-Rifuġjati [Kap. 420].
Ir-rikorrent fisser illi huwa ċittadin tal-Kongo, fejn twieled fl-4 ta' Novembru 1961. Sa mill-1987 hu kien membru attiv tal-*Mouvement Populaire de la Revolution* [*MPR*] u, bejn l-1987 u l-1997, kien ħadem fil-qrib mal-gvern ta' Mobutu fi ħdan il-*guarde civile.* Wara li nbidel il-gvern hu ħarab minn pajjiżu fl-1987 għax beża' li jisfa vittma tal-persukuzzjoni minħabba l-konnessjonijiet li kellu mal-gvern ta' Mobutu. Wara xi żmien fin-Niġerja, fin-Niġer u

fil-Libja, kien magħruf bħala rifuġjat mill-*United Nations High Commissioner for Refugees* [*UNHCR*] iżda billi ħassu mhedded fil-Libja telaq b'mod irregolari minn dak il-pajjiż bil-ħsieb li jfittex protezzjoni fl-Ewropa. Fit-28 ta' Ġunju 2006 wasal Malta u, ftit wara, talab asil. Din it-talba iżda kienet miċħuda fuq il-meritu mill-Kummissarju għar-Rifuġjati [il-Kummissarju] b'deċiżjoni tal-11 t'April 2007. L-attur appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati [il-Bord], taħt l-art. 7(2) tal-Kap. 420, iżda l-appell kien miċħud b'deċiżjoni tal-1 t'Awissu 2008 billi t-talba tal-attur tqieset inammissibbli taħt l-art. 18A(1)(*b*) tal-Kap. 420.

Din id-dispożizzjoni tal-liġi, fiż-żmien relevanti, kienet tgħid hekk:

**18A**. (1) Dan l-artikolu japplika għal xi persuna f'Malta li tkun qed tipprova takkwista status ta' rifuġjat u li:

… … …

(b) tkun ġiet rikonoxxuta f'pajjiż li ma jkunx stat membru bħala rifuġjat u tkun għad tista' tgawdi minn dak il-ħarsien jew xort'oħra tkun tgawdi ħarsien biżżejjed f'dak il-pajjiż, inkluż li tibbenefika mill-prinċipju ta' *non-refoulement,* u li dik il-persuna tkun tista' tiġi mħollija tidħol mill-ġdid f'dak il-pajjiż;

… … …

(3) Applikazzjoni għal *status* ta' rifuġjat minn persuna li għaliha japplika dan l-artikolu tkun inammissibbli.

L-attur igħid illi d-deċiżjoni tal-Bord hija ħażina għax l-art. 18A(1)(*b*) irid illi, qabel ma t-talba titqies inammissibbli, isir eżami tal-kwalità ta' protezzjoni li tingħata fil-pajjiż l-ieħor u jrid isir stħarriġ ukoll dwar jekk min jagħmel it-talba jkunx jista' jerġa' jidħol mill-ġdid f'dak il-pajjiż u jkompli jingħata protezzjoni. Fil-każ tal-attur dan l-eżami ma sarx u l-Bord qal biss illi skond il-liġi ta' Malta l-attur seta' jidħol in-Niġerja. Kontra dak li qal il-Bord, iżda, ma hijiex il-liġi ta' Malta iżda l-liġi tal-pajjiż li jkun illi tiddetermina jekk persuna titħalliex tidħol jew le f'dak il-pajjiż.

Barra minn hekk, ikompli jgħid l-attur, "il-kunċett ta' inammissibilità ta' applikazzjoni japplika biss fi stadju preliminari tal-proċeduri għad-determinazzjoni ta' talba għal asil", waqt l-ewwel intervista taħt l-art. 8(1) tal-Kap. 420; jekk applikazzjoni timxi biex tinstema' "fil-proċedura regolari", wara l-istadju preliminari, għandha tinstema' fil-

meritu, u l-Bord ma għandux is-setgħa li jressaq *ex officio* l-inammissibilità tat-talba għax għandu biss is-setgħa, taħt l-art. 7(1), "li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra xi rakkomandazzjoni tal-Kummissarju". Fil-każ tal-attur la sar u lanqas seta' jsir appell minn deċiżjoni tal-Kummissarju li jaċċetta bħala ammissibbli t-talba tal-attur, u għalhekk il-Bord ma setax iħassar u jibdel din id-deċiżjoni f'dan l-istadju.

Billi huwa tal-fehma illi l-Bord ma kellux jiċħad l-appell bla ma jeżamina l-possibilità li l-attur jerġa' lura lejn in-Niġerja u bla ma jqis il-meritu tal-appell, l-attur fetaħ il-kawża tallum u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi d-deċiżjoni tal-Bord fil-każ tal-attur hija mibnija fuq interpretazzjoni ħażina tal-liġi, partikolarment tal-Kap. 420;
2. għalhekk tħassar dik id-deċiżjoni tal-Bord; u
3. għalhekk ukoll tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex jiddeċiedi dwar il-meritu.

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.

Il-Bord konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kawża saret ħażin u ma tiswiex, skond l-art. 7(9) tal-Kap. 420 li fiż-żmien relevanti kien igħid hekk:

**7.** (9) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja.

Ladarba l-kawża tallum ma saritx taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewtopea, ma setgħetx issir kif saret.

2. id-deċiżjoni tal-Bord hija waħda ġusta u kif trid il-liġi, u għalhekk għandha tiġi mwettqa;
3. ma kien hemm ebda interpretazzjoni ħażina tal-liġi;
4. talbiet dwar *status* ta' rifuġjat huma materja li jolqtu l-*public policy* tal-istat u għalhekk il-Bord għandu s-setgħa u d-dmir li jidħol ukoll fil-kwistjoni ta' ammissibilità ta' talba u jiddeċiedi dwarha;
5. dan igħodd ukoll fid-dawl tal-Avviż Legali numru 252 tal-2001 [L.S. 420.01] li jagħti setgħat wesgħin lill-Bord, bħal dik illi jitlob lill-Kummissarju biex jagħmel aktar stħarriġ u jagħti lill-Bord aktar tagħrif li jkun meħtieġ;

għalhekk ma huwiex minnu dak li jgħid l-attur illi l-Bord ma seta’ jieħu ebda inizjattiva bħal ma għamel fil-każ tallum;
6. f’kull każ, il-kawża tallum hija kas ċar ta’ “*asylum shopping*” li huwa kullimkien ikkundannat u ma huwiex ġustifikazzjoni sabiex dak li jkun jingħata *status* ta’ rifuġjat f’pajjiż wara ieħor skond kif jidhirlu hu.

Waqt is-seduta tat-8 ta’ Lulju 2008, billi waqt is-seduta ta’ qabel kienet tqanqlet il-kwistjoni jekk il-Bord setax ikun imħarrek bħala konvenut fi proċeduri ġudizzjarji, il-partijiet ftiehmu illi l-attur iċedi l-proċeduri kontra l-Bord, b’dan li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha, u l-proċeduri jitkomplew kontra l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju għar-Rifuġjati, li dakinhar stess issejħu fil-kawża, laqgħu n-notifika u għamlu tagħhom l-eċċezzjonijiet tal-Bord.

Il-kwistjonijiet imqanqla mill-attur essenzjalment huma tnejn:
1. jekk il-Bord setax iqis it-talba tiegħu bħala “inammissibbli” wara li kienet ġà ngħatat deċiżjoni dwarha fil-meritu – u għalhekk kienet ġà għelbet l-ostakolu ta’ inammissibilità – fil-proċeduri quddiem il-Kummissarju; u
2. jekk fil-meritu kinitx tajba d-deċiżjoni tal-Bord li l-attur għadu jista’ jgawdi minn ħarsien bħala rifuġjat, jew minn ħarsien ta’ xort’oħra li jkun biżżejjed, fil-pajjiż – li ma jkunx stat membru tal-Unjoni Ewropeja – fejn ġà kien magħruf bħala rifuġjat.

L-attur għalhekk effettivament irid illi l-qorti tqis jekk kinitx tajba d-deċiżjoni tal-Bord dwar il-kwistjoni proċedurali tal-istadju meta setgħet titqanqal l-eċċezzjoni ta’ inammissibilità, u wkoll jekk kinitx tajba d-deċiżjoni dwar il-meritu ta’ dik l-eċċezzjoni.

Il-konvenuti qegħdin igħidu illi din il-qorti ma tistax tqis jekk dawk id-deċiżjonijiet tal-Bord kinux tajba jew le għax l-art. 7(9) tal-Kap. 420 irid illi d-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konkluživa u li ma tkun tista’ tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja.

Din l-eċċezzjoni tal-konvenuti tqanqal kwistjoni delikata ta’ fejn għandha tkun il-linja bejn żewġ prinċipji tal-liġi li, f’ċirkostanzi partikolari, jistgħu joħolqu tensjoni: min-naħa l-waħda hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid illi d-deċiżjoni tal-Bord ma tistax tiġi kontestata quddiem qorti tal-ġustizzja, u min-naħa l-oħra hemm il-prinċipju ogħla tal-liġi, jew, aħjar ta’ leġalità fi stat ta’ dritt, li jgħid illi ħadd

ma hu 'l fuq mil-liġi, u illi huma l-qrati tal-ġustizzja l-organu fdat bis-setgħa u bid-dmir li jgħid jekk il-liġi tħarsitx.

Dan ma jfissirx illi kull deċiżjoni ta' kull bord jew ta' kull organu ieħor hija soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, u lanqas ma jfisser illi bord imwaqqaf taħt il-liġi ma jistax jieħu deċiżjonijiet li ma jkunux finali. Ukoll, mhux kull nuqqas iwassal biex deċiżjoni ma tkunx tiswa. Naturalment, nuqqas li jwassal għal ksur ta' xi dritt fondamentali għandu jsib rimedju quddiem il-qrati, iżda l-liġi stess testwalment taħseb għal dan, u l-każ tallum ma huwiex dwar hekk.

F'materja ta' proċedura, il-liġi ogħla trid illi għallinqas jitħarsu dawk li jitqiesu li huma prinċipji ta' "ġustizzja naturali", *viz. audi et alteram partem* u *nemo iudex in causa propria*, u illi bord jew tribunal ieħor li jieħu deċiżjoni dwar kwistjoni li tinġieb quddiemu jkun imwaqqaf sew u jkollu s-setgħa taħt il-liġi li jieħu dik id-deċiżjoni.

Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni illi l-Bord ma kienx imwaqqaf u magħmul kif trid il-liġi, u lanqas illi waqt is-smigħ l-attur ma ngħatax l-opportunità li jinstema' jew illi xi membru tal-Bord kellu interess personali fil-każ. Il-kwistjoni dwar jekk eċċezzjoni tridx titressaq *in limine litis* jew tistax titqies aktar 'il quddiem waqt is-smigħ hija deċiżjoni li dwarha l-Bord jieħu deċiżjoni finali bla ma b'hekk jinħoloq konflitt jew tensjoni mal-prinċipju ta' legalità, aktar u aktar meta tqis illi l-Bord għandu s-setgħa, taħt l-art. 7(8) tal-Kap. 420, li jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi d-deċiżjoni tal-Bord dwar jekk setax iqis l-ammissibilità tat-talba tal-attur hija waħda mħarsa taħt l-art. 7(9) tal-Kap. 420.

Dwar il-meritu tad-deċiżjoni, l-attur qiegħed igħid illi d-deċiżjoni tal-Bord kienet ħażina għax il-kwistjoni jekk l-attur igawdix minn ħarsien bħala rifuġjat fin-Niġerja, u jitħalliex jerġa' jidħol f'dak il-pajjiż, kellha tiġi determinata skond il-liġi tan-Niġerja mhux dik ta' Malta.

Id-deċiżjoni tal-Bord tgħid hekk:

Before arriving in Malta illegally on 28th June 2006 from Libya by boat, you had already been granted refugee status by UNHCR in Tripoli on 30th August 2005, by means of a notification which was valid only for one year from that date. However, before travelling to Libya, you

had already applied for refugee status in Nigeria. According to the documents on file, you had been granted such status on appeal by UNHCR in Lagos, Nigeria, on 8th December 1999. This decision had been communicated to the UNHCR Office in Tripoli, Libyan Arab Republic, on 22nd September 2003 by the UNHCR representative in Nigeria, Mr Eusebe Hounsokou. Moreover, the National Commission for Refugees of Nigeria on 28th January 2000 had upon appeal entitled you to become "a recognized refugee in Nigeria". This decision was signed by the Commission's Chairman/Chief Executive, Mr S.A. Akingbolasan, and copied to the UNHCR representative in Nigeria.

This being the case, your request now for recognition by Malta as a refugee is inadmissible under Maltese law (Section 18A (1) (*b*) of Chapter 420 of the Laws of Malta). According to Maltese Law, "such a person can be re-admitted to that country", *i.e.* in your case, Nigeria.

Your appeal cannot be upheld

Effettivament il-Bord interpreta u applika l-art. 18A(1)(*b*) tal-Kap. 420, li hija liġi ta' Malta, ħaġa li kellu kull setgħa li jagħmel; biex għamel hekk wasal għal deċiżjoni fuq il-kwistjoni jekk l-attur setax jitħalla jidħol mill-ġdid fin-Niġerja. Dik il-kwistjoni hija kwistjoni ta' fatt, u tibqa' kwistjoni ta' fatt ukoll jekk tiddependi fuq x'tgħid il-liġi tan-Niġerja, għax kwistjonijiet ta' liġi barranija huma kwistjonijiet ta' fatt, u dwar deċiżjonijiet tal-Bord dwar fatti ma jistax isir stħarriġ mill-qorti. Li qiegħed ifittex l-attur huwa, effettivament, appell mid-deċiżjoni tal-Bord, iżda l-liġi ma tagħtix dak l-appell.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi d-deċiżjoni tal-Bord dwar il-meritu tal-ammissibilità tat-talba tal-attur ukoll hija waħda mħarsa taħt l-art. 7(9) tal-Kap. 420.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti taħt l-art. 7(9) tal-Kap. 420, tiċħad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjeż tal-Bord, kif irid il-ftehim bejn il-partijiet tat-8 ta' Lulju 2008, għandu jħallashom il-Bord; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------